MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Numru 229/2003

**Il- Pulzija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**-vs-**

Raymond Mizzi

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi:

Raymond Mizzi ta' 41 sena, iben Joseph u Angela nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fl- 10 ta' Mejju 1964 u li joqghod Plot 6, Triq Cassarino, Bugibba, ID Card. No. 264964M

Talli fit- 8 ta' Novembru 2002, ghall- habta tas- 6.00am, volontarjament hassar, ghamel hsara jew xorta ohra gharraq il- bieb ta' garaxx fi Triq il- Brankutli, Qawra, propjeta' ta' Mark u martu Anna Theresa konjugi Zammit,

liema hsara ma tiskorrix il- hames mitt lira Maltin (LM500) (art. 325 (b) tal- Kap. 9)

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Semghet it- trattazzjoni tad- difiza u tal- prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

1. Fit- 8 ta’ Novembru 2002 ghall- habta tas- 6.00am saret hsara f’ bieb ta’ garage, propjeta’ ta’ Mark u Anna Theresa Zammit, fi Triq il- Brankutli, il- Qawra. Il- bieb ma kienx ilu li nhadem mill- U.D.C. Euro Ltd.

2. L- imsemmija Anna Theresa Zammit li tat xhieda dettaljata u ta’ min joqghod fuqha tghid li dak inhar filghodu semghet hoss kbir, harget tittawwal u rat lill- akkuzat ‘miexi’. Ix- xoghol ta’ l- akkuzat kien li jigbor iz- zibel f’ dawk l- inhawi. Ix- xhud sa dak il- hin kienet tafu hekk biss. Ismu ma kienitx tafu. Ratu jghamillha sinjali “u jitkellem pastaz u jurini lejn il- garage tieghi b’ idejh.” Immarka d- dawl fil- bieb tal- garage. Marret tara u sabet ‘disc break’ fejn il- bieb tal- garage u “daqqiet fil- bieb”. Cemplet lill- pulizija li sabet id- “disc” (Surgent 746). Marret f’ Lukanda qrib li ghandu video bhala sigurta u rat lill- akkuzat “hiereg mit- truck, jiehu l- iskip, idur imbghad sparixxa naqra u rega gie lura.” Gharfitu fl- awla l- Qorti.

3. Zgur li l- akkuzat u Mark Zammit b’ ‘xi mod’ kienu jafu lil xulxin ghalkemm it- tnejn jghidu bil- maqlub. Ir- relazzjonijiet m’ humiex tajba. Xi zmien wara dan l- incident l- akkuzat kien mar l- ghassa u qal li qed isib hadid fiz- zibel u kellu suspett f’ Mark Zammit li jahdem bhala mekkanik.

4. L- akkuzat tela jixhed minn jeddu u tefa l- gebla fuq saqajh. Ghalkemm il- Qorti, kif diga’ qalet tistrieh fuq ix- xhieda ta’ Anna Theresa Zammit. L- akkuzat fost affarjiet ohra jghid

a. Hu (Mark Zammit) gieli hares lejja bl- ikrah u rajtu ghaddej darba bil- karozza u ghidt ha mmur niehu zewg ritratti ghax hu mhux il- boghod hafna minn fejn l- iskips li nbattal jew xi mitt metru. “……… L- indirizz nahseb li stajt ghax gharaftu bil- karozza.’

b. Dak inhar battal l- iskips meta qabel kien qal li jbattal skips ‘xi mitt metru’ l- boghod mid- dar ta’ Zammit.

c. Mistoqsija tal- Prosekuzzjoni: “jigifieri wara li dawn allegaw li tfajt ‘disc break’, jew x’ kien, ma kienx (hemm) argument.”

Twegiba: “Le ma jidhirlix”

5. Il- Qorti m’ ghandiex dubju li waqt li kien qed jaghmel ix- xoghol tighu l- akkuzat bla ma kellu ghalfejn mar fejn il- garage ta’ Zammit u wettaq hsara fil- bieb tal- garage u wara issokta fix- xogholk tieghu. Zgur li ratu Zammit u ma kellux ghalfejn igib ruhu maghha kif gab li kieku ma kien ghamel xejn.

6. Dwar il- konsistenza tad- danni ma ngiebitx l- ahjar prova. Meta saret il- hsara, skond ix- xhud Maroc Attar li jmexxi l- Kumpanija UDC Euro, li kienet ghamlet il- bieb qabel ma kien imexxi hu, inghatat stima wara telfonata fuq it- taghrif moghoti. Skond ix- xhud fuq il- post ma mar hadd mill- kumpanija. L- istima kienet ta’ Lm 133.40c (fol 8). Skond haddiem ta’ l- istess kumpanija, John Portelli, hu mar fuq il- post u ghamel rapport fuq il- hsara. Fix- xhieda tieghu isemmi x’ kienet il- hsara u skond hu kella tinbidel il- panel imma hu ma jafx kemm kien jiswa x- xoghol. Min ghamel l- istima fuq dak migbur minn Portelli ma telghax jixhed. Il- Qorti ghalhekk ikollha toqghod fuq l- art 325 (d) u mhux fuq is- subinciz (b) imsemmi fl- akkuza.

Issib ghar- ragunijiet fuq imsemmija l- akkuzat hati li fit- 8 ta' Novembru 2002 ghall- habta tas- 6.00am ghamel hsara volontarja fuq propjeta' privata.

Rat l- art 325(d) tal- Kap9.

Biex jieqfu dissidji l- Qorti rat ukoll l- art. 22 tal- kap 446 li ser tapplika. Rat ukoll il- fedina penali ta' l- akkuzat.

Ghalhekk waqt li ssibu hati tilliberah taht il- provedimenti ta' l- art. 22 tal- Kap. 446 b' dan li ma jghamlix reat iehor fi zmien sena (1) millum, Il- Qorti qed tfisser l- import ta' din is- sentenza lill- akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------